MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 139/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Spiteri talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Dicembru 2007 meta hekk ordnat jew hekk marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Sylvana Spiteri s-somma ta' Lm350 li kienet iffissata minn dik il-Qorti (Qorti Civili tal-Familja ppreseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D. citazzjoni nru. 261/07/JA) jew stipulat fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Mejju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Patrick Spiteri hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta, illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446, u ordnat il-hlas ta’ €302.80 fi zmien xahar lill-parte civile Sylvana Spiteri ai termini ta’ l-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Patrick Spiteri pprezentat fil-15 ta’ Mejju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tiddikjara nulla s-sentenza appellata u sabiex ma tipprivax il-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame* tirrimandi l-atti quddiem l-ewwel Qorti ghas-smiegh skond il-ligi; (2) alternattivament tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) Is-sentenza appellata hi nulla ghax karenti mir-rekwiziti kontemplati fl-artikolu 382 tal-Kap. 9; (2) L-ewwel Qorti ma kellhiex issib htija fuq il-provi prodotti quddiemha.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant isostni li hemm zewg elementi neqsin fis-sentenza appellata, id-dikjarazzjoni ta’ sejbien ta’ htija u c-citazzjoni ta’ l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu nstab hati.

Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tal-Magistrati, **“meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat”.**

Skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita` sostanzjali fis-sens ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. F’kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata[1].

Harsa lejn is-sentenza dattilografata a fol. 46 u 47 tal-process – u li hi ffirmata mill-Magistrat li ppronunzja s-sentenza in kwistjoni – pero` turi li s-sentenza ma tippekkax minn dawn l-ilmenti ta’ l-appellant, u fiha kemm id-dikjarazzjoni ta’ htija kif ukoll indikazzjoni ta’ l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu nstab hati. Din is-sentenza dattilografata tirrifletti l-pronunzjament li ghamlet dik il-Qorti fil-5 ta’ Mejju 2008.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant isostni li huwa ghamel sensiela ta’ pagamenti, kemm matul ix-xahar ta’ Dicembru kif ukoll qabel, li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni u li juru li huwa dejjem hallas aktar milli suppost. Huwa josserva li ghal Dicembru hallas Lm103.03 u Lm77.27 li maghhom ghandhom jizdiedu Lm54.54 imhallsin in eccess ghax-xahar ta’ Novembru, Lm70 ghal spejjez relatati mal-*birthday party* tat-tifel, Lm93.24 ghat-tiswijiet tal-karozza u Lm22.55 ghas-CVA, total ta’ Lm420.63. Jirreferi wkoll ghal hlas permezz tal-VISA ta’ Lm223.60 ghal hwejjeg li riedet tixtri l-mara tieghu f’Novembru.

Din il-Qorti, wara li semghet lil mart l-appellant, Sylvana Spiteri, u lill-appellant stess kif ukoll wara li ezaminat id-dokumenti kollha esebiti kemm f’dawn l-atti kif ukoll fl-atti ta’ l-appell l-iehor fl-istess ismijiet (Nru. 142/08 fil-lista tallum) hi tal-fehma l-ewwelnett illi l-ispejjez relatati mal-

---

[1] Ara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Donald Cilia**, 24 ta’ April 2002; **Il-Pulizija v. Benjamin Muscat**, 28 ta’ Gunju 2002 u 10 ta’ Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, 9 ta’ Settembru 2002; **Il-Pulizija v. Paul Cachia**, 25 ta’ Settembru 2003; **Il-Pulizija v. Mark Portanier**, 14 ta’ Settembru 2004; **Il-Pulizija v. John Axiaq et**, 19 ta’ Mejju 2005; **Il-Pulizija v. Stefan Abela**, 2 ta’ Frar 2006; **Il-Pulizija v. Anthony Borg**, 1 ta’ Gunju 2006.

*birthday party*, dawk ghat-tiswijiet tal-karozza u tas-CVA m'ghandhomx jigu meqjusin bhala hlasijiet akkont tal-manteniment. Kienu hlasijiet li saru ghal skopijiet specifici b'mod volontarju mill-appellant u indipendentement minn dak li kien dovut bhala manteniment. Kwantu ghax-xiri ta' hwejjeg, dik ix-xirja kienet dik li kienet, rigal irrispettivament jekk kinitx intenzjonata bhala rigal minghand l-appellant, jew minghand iben il-konjugi Spiteri jew in parti minghand binhom u in parti minghand l-appellant.

Dwar l-ammont *carried forward* mix-xahar ta' Novembru, il-prospetti tal-partijiet juru li hemm qbil dwar l-ammont ta' Lm54.54. Rigward l-ammont ta' Lm53.03 li l-appellant jippretendi li ghandu jigi *carried forward* minn Ottubru ghal Novembru m'hemm l-ebda prova dokumentarja in sostenn ta' dan. Anzi mill-prospett ta' mart l-appellant jidher li kienet qed tippretendi li s-somma ta' Lm30 mill-pagamenti ta' Novembru jigu attribwiti ghall-manteniment ghax-xahar ta' Ottubru. Dwar tali pretensjoni pero` l-anqas ma hemm prova.

Konsegwentement il-pagamenti li jistghu jigu meqjusin bhala pagamenti akkont ghall-manteniment ghax-xahar ta' Dicembru 2007 huma dawn: Lm54.54 + Lm77.27 + Lm103.03 = Lm234.84. Peress illi l-manteniment dovut kien ta' Lm350, il-bilanc dovut jigi Lm115.16 ekwivalenti ghal €268.25. B'hekk l-ammont li l-appellant baqaghlu jhallas lil martu huwa ta' €268.25 u mhux ta' €302.80 kif indikat l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat lill-appellant biex ihallas lill-parte civile Sylvana Spiteri s-somma ta' €302.80 fi zmien xahar u minflok tordna li jhallas lill-parte civile Sylvana Spiteri s-somma ta' €268.25 fi zmien xahar millum u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija b'dan illi l-perijodu ta' *conditional discharge* jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------